MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2005

Talba Numru. 2342/2003

**L-Awtorita' tad-Djar**

**Vs**

**Emanuel sive Noel Apap**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-Awtorita' attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' elf mitejn u dsatax-il lira Maltin u hamsin centezmu (Lm1,219.50c) peress illi l-konvenut naqas li jidhol jabita fil-flat numru tnejn (2), "Anson Flats", Triq Papa Urbanus XIII, Birkirkara u b'konsegwenza ta' dan kiser il-kundizzjonijiet ta' l-iskema HD 14 kontenut fin-Notifika tal-Gvern numru 126/88 (Dok. A), kif ukoll kiser il-kundizzjonijiet tal-Kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Patrick Critien tat-28 ta' Gunju, 1989 (Dok. B).

Peress illi b’hekk il-konvenut irid jirrifondi lill-imsemmija Awtorita’ attrici s-sussidju fuq l-imghax lilu moghti liema sussidju jammonta ghal elf mitejn u dsatax-il lira Maltin u hamsin centezmu (Lm1,219.50c).

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha wiegeb illi t-talba hija kkontestata stante li l-konvenut osserva l-kundizzjonijiet tal-Kuntratt kif ukoll il-kundizzjonijiet ta’ l-iskema msemmija fl-Avviz ta’ l-Awtorita’ attrici u ghalhekk il-konvenut m’huwiex obbligat jirrifondi s-sussidju fuq l-imghax lilu moghti kif reklamat mill-Awtorita’ attrici kif ukoll m’ghandux ibati l-ispejjez tal-prezenti procedura.

Ra l-atti tal-kawza u d-dokumenti esebiti.

Ra l-Affidavits ta’ Leonard Zerafa, Emile Lauria u Carmen Azzopardi.

Sema’ x-xhieda tal-konvenut, Anthony Apap, Paul Camilleri, Mary Apap, Fr Colin Apap u Josianne Farrugia Fenech.

Sema’ t-trattazzjoni tal-PL Pauline Mallia ghall-Awtorita’ attrici u ta’ Dr Aaron Bugeja ghall-konvenut.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi permezz ta’ Kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Patrick Critien tat-28 ta’ Gunju, 1989 il-konvenut gie moghti sussidju mill-Awtorita’ attrici liema sussidju kien marbut ma’ l-iskema 126 HD 14 li fl-Artikolu 18(b) jispecifika illi jekk fl-ghaxar snin wara li jinghata s-sussidju, min ikun ha s-self koncernat ma jkunx joqghod fil-post ghal ghaxar snin, jekk jonqos fl-ewwel erba’ snin irid jirrifondi mija fil-mija (100%), bejn ir-raba’ u t-tmien sena hamsa u sebghin fil-mija (75%), bejn id-disa’ u l-ghaxar sena erbghin fil-mija (40%) u wara l-ghaxar sena xejn (0%).

Illi l-Awtorita’ attrici qieghda tikkontendi illi fil-fatt il-konvenut qatt ma rrisjeda fil-fond in kwistjoni u b’hekk ghandu l-obbligu li jirrifondi s-sussidju kollu.

Mill-provi prodotti jirrizulta illi wara li sar il-Kuntratt in kwistjoni effettivament il-konvenut flimkien ma’ martu kienu joqghodu fil-post u dan kif jirrizulta anki mix-xhieda ta’ Paul Camilleri, Anthony Apap u martu Maria, ghalkemm il-karta ta’ l-identita’ ta’ l-istess konvenut ma kienetx irregistrata fuq il-post in kwistjoni.

Jirrizulta wkoll illi fl-1994/1995 il-konvenut u martu sseparaw u jirrizulta wkoll illi fir-Registru Elettorali t’Ottubru 1998 fil-post in kwistjoni hemm irregistrata certu Pacenzia Camilleri.

Mir-Registri Elettorali kollha esebiti, ma jidhirx li l-konvenut qatt irregistra l-vot tieghu fuq il-fond in kwistjoni.

It-Tribunal jidhirlu illi mill-assjem tal-provi jidher probabbli li effettivament wara li sar il-Kuntratt fuq imsemmi, l-konvenut veru kien jirrisjedi fil-fond in kwistjoni flimkien ma’ martu u l-kwistjoni kollha hi – kemm damu hemm?

Fattur determinanti ghall-kaz odjern huwa li fil-fatt fl-Income Tax Return tas-sena bazi 1994 li giet mimlija fil-5 ta’ Mejju, 1995 il-konvenut specifika illi l-indirizz tieghu ghal skopijiet ta’ taxxa kellu jkun f’post Birzebbugia.

Dan ikkombacja maz-zmien meta mart il-konvenut telqet minn mieghu.

Ma gew prodotti l-ebda provi cari u precizi li jaffermaw li effettivament il-konvenut kien jirrisjedi fil-fond in kwistjoni wara tali data u ghalkemm l-okkupazzjoni o meno qabel dakinhar hija daqsxejn dubjuza, t-Tribunal jidhirlu illi mill-assjem tal-provi prodotti l-probabbilta’ hija li fil-fatt wara l-1994/1995 il-konvenut probabbilment telaq mill-fond in kwistjoni.

It-Tribunal huwa ghalhekk tal-fehma illi l-konvenut ma baqax aktar intitolat ghas-sussidju mill-bidu ta’ Jannar 1995 ‘il quddiem. Minn dan jirrizulta ghalhekk illi l-konvenut okkupa l-fond in kwistjoni ghal ftit iktar minn hames snin li skond l-iskema fuq imsemmija jfisser illi

huwa ghandu jirrifondi lura hamsa u sebghin fil-mija (75%) tas-sussidju minnu ricevut. F'dan ir-rigward il-Kodici Civili jiddefinixxi l-klawsola penali bhala dik li biha wiehed, sabiex jizgura l-esekuzzjoni ta' ftehim, jobbliga ruhu ghal xi haga fil-kaz li jonqos li jesegwih (Art. 1118).

Kif sewwa ntqal fis-sentenza moghtija fit-28 ta' Gunju, 2005 fl-ismijiet Victor Borg Barthet Vs Carnik Construction Limited (Citazz 1431/02JA):

"Jidher car mill-kliem tal-ligi li din ma tridx li xi parti tapprofitta ruhha mill-klawsola penali u jispicca biex jiehu biss id-drittijiet tieghu mill-Kuntratt minghajr ma jkun ta xejn. Tant hu hekk li l-Artikolu 1122 jikkontempla kazijiet fejn il-Qorti tista' tnaqqas jew ittaffi l-penali. Ma tghidx pero' li l-Qorti tista' tnehhi l-istess penali ghaliex il-ligi trid taccerta ruhha fl-istess waqt li kull parti taghmel sehemha kif miftiehem. Il-Qorti allura tista' tnaqqas il-penali biss f'dawn ic-cirkostanzi:

a. Jekk id-debitur ikun esegwixxa parti mill-obbligazzjoni u l-kreditur ikun accetta espressament il-bicca li giet esegwita.

b. Jekk id-debitur ikun esegwixxa parti mill-obbligazzjoni u l-parti hekk esegwita meta jitqiesu c-cirkostanzi partikolari tal-kreditur tkun bic-car tiswielu. Izda f'dan il-kaz ebda tnaqqis mill-penali ma jista' jsir jekk id-debitur meta ntrabat bil-penali, jkun irrinunzja espressament ghal kull tnaqqis jew jekk il-penali tkun giet miftiehma ghad-dewmien biss."

Mill-kliem espress tal-ligi, minkejja li r-radd lura tas-sussidju hija forma ta' penali li biha l-Awtorita' attrici riedet tassigura illi fil-fatt min ikun ha l-beneficcju jkun attwalment abita fil-fond in kwistjoni, m'hemm xejn fl-istess ftehim jew skema li tinpedixxi lit-Tribunal milli juza d-diskrezzjoni tieghu biex jara jekk fil-fatt l-ammont reklamat mill-Awtorita' attrici hux esagerat jew le.

Minn ezami tad-dokumenti relattivi jirrizulta illi attwalment l-ammont mitlub mill-Awtorita' attrici jkopri sussidju moghti

minnha sal-31 ta’ Marzu, 1996 billi wara dakinhar ma jidhirx li kien hemm aktar sussidju moghti (vide dokumenti esebiti man-Nota tat-28 ta’ Gunju, 2005). Jirrizulta wkoll illi sal-31 ta’ Marzu, 1995 il-konvenut kien ibbenefika bl-ammont ta’ elf mija w erbgha u sebghin lira Maltin sittin centezmu u sitt millezmi (Lm1,174.60c,6) u ghalhekk bejn l-ammont mitlub f’din il-kawza u s-sussidju li bbenefika ghalih sa dakinhar li kien jirrisjedi fil-fond kif fuq inghad huwa biss ta’ cirka hamsin lira Maltin (Lm50).

It-Tribunal ma jidhirlux li jkun gust u ekwu illi l-konvenut jigi ppenallizzat bl-ammont ta’ hamsa u sebghin fil-mija (75%) meta fil-fatt jirrizulta illi fil-maggur parti tas-sussidju mertu tal-kawza odjerna l-konvenut kien attwalment jirrisjedi fil-fond.

F’dan ir-rigward it-Tribunal anki jirreferi ghax-xhieda moghtija mill-istess konvenut li biha jiddikjara illi kien hemm zmien meta l-Awtorita’ attrici kienet baghtet ghalih u fil-fatt qalulu illi dakinhar kienu ser jaqtghu linja u li tal-passat ma kienu se jitolbu xejn lura izda ma kienx ser jiehu aktar sussidju minn dakinhar ‘il quddiem.

It-Tribunal pero’ ma jistax jinjora l-iskop deterrenti tal-penali u ghalhekk ghandu jkun hemm bilanc bejn l-interessi tal-partijiet tenut kont ta’ l-iskop socjali tas-sussidju.

Ghalhekk l-ammont li ghandu jigi llikwidat illi l-konvenut ghandu jrodd lura lill-Awtorita’ attrici ghandu jiehu kont ta’ l-ammont minnu bbenefikat fiz-zmien li ma kienx intitolat ghalih tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u kif ukoll dak li hemm dispost fl-iskema msemmija u dak li jobbliga ruhu li jaghmel fuq il-Kuntratt imsemmi, t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut ghandu jrodd lura biss hamsin fil-mija (50%) ta’ l-ammont mitlub u cjoe’ s-somma ta’ sitt mija u ghaxar liri Maltin (Lm610).

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ in parte t-talba ta’ l-Awtorita’ attrici u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-Awtorita’ attrici s-somma ta’ sitt

mija u ghaxar liri Maltin (Lm610) bl-interessi kif mitluba. L-ispejjez tal-kawza jkunu bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------